IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru56(Sitta u ħamsin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar il-Ħamis 16 ta' Frar, 2023, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**56.1. Item Nru 56.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

56.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.28 u kulħadd kien preżenti

**56.2. Item Nru. 56.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

56.2.1 Il-Minuti ġew moqrija u approvati unanimament.

**56.3 Item Nru. 56.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

56.3.1 Is-Sindku qal li l-kuntratt tad-Development Planning Funds ġie iffirmat mal-Lands Authority kif ukoll anke l-kuntratt bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur li rebaħ it-tender. Issa nistennew li l-Kuntrattur ilesti l-bandli sa' 12 – il gimgħa skond il- ftehim.

56.3.2 Is-Sindku tkellem fuq il-*jogging track* u qal ikkuntattja lil Onor. Ministru Miriam Dalli u skużat ruħha għaliex l-emails kienu qed imorru spam u għalhekk ma bdietx twieġeb. Għada ser ikollu

laqgħa ma' Projects Green Malta sabiex niddiskutu fuq dan il-proġett tal-jogging track sabiex jiġi ffinanzjat.

Is-Sur Camilleri fakkar u qal li dawn il-fondi kienu imwiehdin mil-Ministru tal-Finanzi u staqsa kif issa iggwidawna biex immorru għand il-Ministru Miriam Dalli. Is-Sindku ikkonferma dan u qallu li issa dik il-proċedura li rridu nimxu magħha sabiex inkomplu fuq dan il-proġett.

56.3.3. Is-Sur Attard qal li l-bandli tax-xatt kien hemm problema meta ġbarna l-kwotazzjonijiet għaliex kienu ser jaqbżu l-ammont konsentit mil-liġi u għalhekk kellu jiġi ppublikat tender. Dan ser itawwal iż-żmien pero hekk sabiex inħarsu li nimxu skond il-liġi.

56.3.4 Is-Sindku qal li dwar il-pitch tal-boċċi kellna kumplikazzjonijiet u kritika minn xi residenti. Dan wara li bdejna innaddfu s-sit bil-makkinarju. Il-Planning Authority qalulna sabiex nieqfu minnufih imbgħad qalulna li nistgħu inkomplu għaliex għandna permess validu tas-sena 2017 u jista jsir ix-xogħol.

Wara kellmuna l-BCA għaliex qalu li m'għandnix il-commencement note u rridu nagħlqu s-sit bil-fence protettiv. Issa l-Perit applika għal din il-commencement note u ser inkunu nistgħu inkomplu dan it-tindif.

Kien hemm persuna li joqod Triq l-Awrat li ikkonferma li kien hu li rraportana pero għaliex ħaseb li ser nibdew ix-xogħol fuq il-binja tal-bocci minajr il-permess. Kif ukoll li fil-pjanti l-ġodda li ssottometta l-perit għad hemm tidher il-kelma Bar.

Is-Sur Raymond Camilleri qal li dan mhux sew li l-Perit ma jagħmilx dak li ngħidulu aħna u nispiċċaw f'pozizzjoni imbarazzanti mar-residenti.

Wara Diskussjoni l-Kunsill qabel li nordnaw il-perit biex jerġa ibibbel il-pjanti u titneħħa l-kelma Bar.

56.3.5 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol tar-railing tax-xatt u qal li x-xogħol beda pero miexi bilmod wisq u nittamaw li sa Mejju jkun inbidel parti kbira minnu. Għallinqas dak l-iktar perikoluz.

Is-Sur Camilleri qal li qed ikunu 6 minn nies pero mixjin bilmod wisq. Hu kompla u qal l-istess in-nursery il-ġdida ilha sena u nofs mibnija pero r-riha ta' umdita li hemm hija insopportabbli.

Is-Sur Attard issuġġerixxa li nitolbu laqgħa mal-Onor. Stefan Zrinzo sabiex niddiskutu dawn in-nuqqasijiet u xi xogħol ieħor.

56.3.6 Is-Sindku tkellem fuq iż-żebra crossing ta' Dawret ix-Xatt kantuniera ma' Triq Frans Minuti u qal li wara li ġibna kuntrattur biex jara fuq il-post u jtina stima dan qalilna li l-pjanta mhux ċara biżżejjed u mhux ta' kwalita. Għalhekk tlabna lis-Sur Andrew Haig jiġi fuq il-post u jimmarka eżatt fejn trid tiġi.

56.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-Ħamis 23 ta' Frar ser ikollna l-ftuħ uffiċjali taċ-ċentru Alijoy li jinsab fi Triq San Ġakbu fejn il-Librerija u li għal din iċ-ċerimonja ser ikun hemm preżenti l-Onor. Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali Alison Zerafa Civelli.

56.3.8 Is-Sindku qal li minkejja diversi ilmenti u tentattivi biex ikollna magna tal-flixken tal-plastic fix-Xgħajra wkoll s'issa qalulna li le. Pero ser nibqgħu ninsistu biex din issir.

56.3.9 Is-Sindku qal li hemm periklu fil-belveder għaliex il-ħajt qiegħed jaqa'. Hu kompla u qal li ser iqabbad lil xi ħadd sabiex jaqilbu biex nevitaw periklu. Kulħadd qabel ma dan.

**56.4 Item Nru 56.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

56.4.1 Is-Sur Anthony Valvo qara email mingħand is-Sur Mario Fava li ġiet mibgħuta lilu u lil Kunsilliera sabiex kull proġett jinħareġ tender għalih skont il-procurement regulations u mhux isir biċċa biċċa biex isir bid-direct orders.

56.4.2 Is-Sa. Rosabelle Pulis ikkonfermat li irċeviet l-istess email m'għand is-Sur Mario Fava u żiedet tgħid li kien hemm premura li tinqara waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

56.4.3 Is-Sa. Pulis staqsiet jistax jiġi rranġat il-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq Karmelo Ritchie għaliex bil-maltemp li għamel inqala parti minnu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan lest sar din il-ġimgħa.

56.4.4 Is-Sa Doris Borg irringrazzjat l-iskola primarja l-kap tal-koperazzjoni li qiegħed ikollna biex naħdmu id f'id. Hi staqsiet jekk nistgħux nagħtu premju lil tifel bi bżonnijiet speċjali tal-improvement kbir li għamel. Dan issa dalwaqt jispiċċa minn din l-iskola u għalhekk ikun ta' kuraġġ għalih ukoll. Kulħadd qabel ma' dan. Is-Sindku qal li tajjeb nistiednu l-Kunsill kollu sabiex ikun preżenti wkoll.

56.4.5 Is-Sa Borg staqsiet meta ser issir il-laqgħa mar-residenti barranin. Is-Sindku qallha li iva irridu nagħmluha u naħdmu fuqha.

56.4.6 Is-Sa Borg staqsiet jekk tistax tippjana mawra lit-tfal għal Esplora. Kulħadd qabel ma' dan u ser tieħu ħsiebha.

**56.5 Item Nru. 56.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

56.5.1 Is-Segretarju qara r-rapport finanzjarju u spjega s-sitwazzjoni finanzjarja bħalissa. Huwa reġa enfasizza li għandna bżonn inrażżnu l-ispejjeż għaliex spiċċajna b'telf erġajna. Il-Kunsill għandu jara kif jagħmel iktar pressjoni fuq il-Ministeru sabiex ċertu xogħol u spejjeż isiru bl-għajnuna tagħhom u ma jkunux ta' aktar piż fuq il-Kunsill.

Is-Sindku qal li minn din is-sena ser ikollna inqas spejjeż minħabba li naqsulna żewġ ħaddiema mil-uffiċċju. Din ser ittina nifs sabiex innaqqsu l-ispejjeż.

Wara diskussjoni r-rapport ġie approvat u ffirmat unanimament,

**56.6 Item Nru. 56.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

56.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni.

IX-XGHAJRA

**56.7 Item Nru. 56.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

56.7.1 Pagamenti b'numru 120 ġew approvati unanimament.

**56.8 Item Nru. 56.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

56.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**56.9 Item Nru. 56.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

56.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.14pm

Aġġornament għal nhar il-Erbgħa 22 ta' Marzu, 2023

_________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

_________________________

Neil Attard

Sindku